# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 15 ta' Lulju, 2024

Avviz tat-Talba numru: 1/2023 CL

**GO p.l.c. (C 22334)**

**VERSUS**

**Dr. Joseph Brincat mahtur kuratur b'digriet datat 22 ta' Marzu 2022 ghas-socjeta Global Gases Mediterranean Limited (C50076)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar 2 ta' Jannar, 2023 wara li s-socjeta konvenuta kellha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn u tnax-il euro u tlieta u disghin centezmu (€2,012.93) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kontijiet bin-numru 40368195 u 40317316. Illi minkejja li s-socjeta konvenuta, li hij a ngunta ghas-subizzjoni, giet interpellata biex thallas baqghat inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza. Bl-ispejjes u drittijiet inkluz dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali 1344/19 u bl-imghaxijiet legali b'effett mill-20 ta' April 2017 stante li ghandhom japplikaw l-imghaxijiet kummercjali.

Ra Illi s-socjeta attrici talbet sabiex jigu appuntati kuraturi sabiex jirraprezentaw lis-socjeta konvenuta stante li l-ufficju kien qed jinstab dejjem maghluq u d-direttur ma kienx jirrisjedi fl-Unjoni Ewropeja u t-Tribunal laqa' t-talba.

Ra r-risposta tal-kuratur deputat li permezz taghha talab sabiex jigu ezaminita l-provi tal-kreditu tas-socjeta attrici u jekk dawn kienux jezistu.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Fl-udjenza tas-7 ta' Frar, 2024, it-Tribunal sema' lil Paul Gatt, in rapprezentanza tas-socjeta attrici tixhed, fejn iddikjara illi hu Credit Control Officer mal GO plc u li kien hemm €2,012.93 pendenti li ma thallasx mill-kumpanija Global Glass Mediterranean Ltd u l-ammont mitlub kien ghadu kollu dovut ghax ma kien sar ebda hlas. Is-socjeta attrici iddikjarat illi ghalqet il-provi u l-kawza thalliet ghal-provi tal-kuratur. Minkejja li kien hemm zewg seduti ghal provi tas-socjeta konvenuta, ma tresqu ebda provi u ghalhekk t-Tribunal iddkjara l-istadju tal-provi maghluqa u s-socjeta attrici talbet sabiex il-kawza tithalla ghas-sentenza.

Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mis-socjeta attrici permezz tad-dokumenti u x-xhieda ta' Paul Gatt li huwa credit control officer tal-GO plc u anke, izda mhux biss, bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal, it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak domandat mis-socjeta attrici fi procediment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta biex thallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta' elfejn u tnax-il euro u tlieta u disghin centezmu (€2,012.93) bl-imghaxijiet mill-20 ta' April 2017[1] sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri kif ukoll tal-ittra ufficjali bin-numru 1344/2019 huma kollha a kariku tas-socjeta konvenuta. L-ispejjez tal-kuratur jithalsu provizorjament mis-socjeta attrici.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[1] Data tal-bill due date stante li japplikaw l-imghax kummercjali